



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 16 ta' Settembru 2025
(OR. en)

11284/25
COR 1

Fajl Interistituzzjonal:

2025/0155 (NLE)

IXIM 158
JAI 1034
ENFOPOL 257
CRIMORG 132
JAIEX 76
AVIATION 96
DATAPROTECT 152
ISL 36

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Iżlanda dwar it-trasferiment ta' data tar-reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri (PNR) għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u kriminalità serja

Il-paġna EU/IS/mt 13 għandu jiġi sostitwit bil-paġna mehmuża.

- (c) l-analizzar tad-data tal-PNR bil-għan li jiġu aġġornati, ittestjati jew jiġu stabbiliti kriterji ġodda biex jintużaw fil-valutazzjonijiet imwettqa skont l-Artikolu 7(1)(b), sabiex tīgħi identifikata kwalunkwe persuna li tista' tkun involuta f'reat terroristiku jew kriminalità serja.

ARTIKOLU 7

Valutazzjoni f'ħin reali

1. Fit-twettiq tal-valutazzjoni msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 6, il-PIU Iżlandiża tista':
 - (a) tqabbel id-data tal-PNR ma' bażijiet tad-data dwar persuni jew oġġetti mfittxija jew taħt allert biss, f'konformità mar-regoli tal-Unjoni, internazzjonali u nazzjonali applikabbi għal dawn il-bażijiet tad-data; u
 - (b) tipproċċessa d-data tal-PNR skont kriterji stabbiliti minn qabel.
2. L-Iżlanda għandha tiżgura li l-bażijiet tad-data msemmija fil-paragrafu 1(a) ta' dan l-Artikolu ma jkunux diskriminatorji, ikunu affidabbli, aġġornati u limitati għal dawk użati mill-awtoritajiet kompetenti tal-Iżlanda b'rabta u rilevanti għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 5.
3. L-Iżlanda għandha tiżgura li kwalunkwe valutazzjoni tad-data tal-PNR kif imsemmija fil-paragrafu 1(b) ta' dan l-Artikolu tkun ibbażata fuq mudelli u kriterji mhux diskriminatorji, speċifiċi u affidabbli stabbiliti minn qabel li jippermettu lill-PIU Iżlandiża tasal għal riżultati li jkollhom fil-mira individwi li jistgħu jkunu taħt suspect raġonevoli ta' involviment jew parteċipazzjoni f'reati terroristiċi jew kriminalità serja. L-Iżlanda għandha tiżgura li dawk il-kriterji fl-ebda ċirkostanza ma jkunu bbażati fuq ir-razza jew l-oriġini etnika, l-opinjonijiet politiċi, ir-religion jew it-twemmin filosofiku, is-sħubija fi trade union, is-sahħha, il-ħajja sesswali jew l-orjentazzjoni sesswali ta' persuna.